**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 237/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**David Bonnici**

**Illum 18 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' David Bonnici, iben Walter u Theresa neè De Giorgio, imwieled San Ġiljan fl-4 ta' Jannar 1977, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 83777(M), talli nhar it-2 ta' April 2022, għall-ħabta tal-11:00p.m., u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Ikkaġuna lill-ġenituri u cioè Walter Bonnici u Theresa Bonnici, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li d-delitt jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
2. Ikkaġuna lill-ġenituri u cioè Walter Bonnici u Theresa Bonnici, biża li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom u li d-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili;
3. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Walter Bonnici u Theresa Bonnici jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;
4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Walter Bonnici u Theresa Bonnici jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi:

5. Kiser Ordni ta' Trażżin imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Vella LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Walter Bonnici u Theresa Bonnici;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' David Bonnici bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 2 sa' 38 tal-proċess u rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 42 tal-proċess;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' Walter Bonnici[2] u ta' Theresa Bonnici[3] mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 u semgħet ix-xhieda ta' Stefania Calafato Testa[4], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali u ta' l-Ispettur Eman Hayman[5] mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Stefania Calafato Testa markati Dok. "ST1" sa' Dok. "ST3" a fol. 55B sa' 55K tal-proċess u rat id-dokument u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Eman Hayman markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 58 sa' 118 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li mhux se jixhed f'dawn il-proċeduri u ma għandux provi x'jressaq;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-2 ta' April 2022, għall-ħabta tal-11:00p.m., u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer: (1) ikkaġuna lill-ġenituri u cioè Walter Bonnici u Theresa Bonnici, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li d-delitt jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili; (2) ikkaġuna lill-ġenituri u cioè Walter Bonnici u Theresa Bonnici, biża li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom u li d-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili; (3) ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Walter Bonnici u Theresa Bonnici jew lil

[1] Fol. 43 tal-proċess.
[2] Fol. 44 sa' 48 tal-proċess.
[3] Fol. 49 sa' 53 tal-proċess.
[4] Fol. 55A tal-proċess.
[5] Fol. 55L sa' 57 tal-proċess.

ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (4) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Walter Bonnici u Theresa Bonnici jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi: (5) kiser Ordni ta' Trażżin imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. G. Vella LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Walter Bonnici u Theresa Bonnici.

Il-Prosekuzzjoni titlob ukoll li l-Qorti titratta ma' l-imputat bħala persuna reċediva meta ġie ssentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

F'dawn il-proċeduri xehdu is-segwenti persuni, ilkoll prodotti bħala xhieda mill-Prosekuzzjoni: Walter Bonnici, Theresa Bonnici, Stefania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali u l-Ispettur Eman Haymn.

**Walter Bonnici**[6], wieħed miż-żewġ allegati vittimi f'dawn il-proċeduri, xehed illi kien għamel rapport mal-Pulizija fir-rigward ta' inċident li kellu ma' ibnu iżda ma setgħax jiftakar id-data eżatta. Mistoqsi fir-rigward huwa qal *lanqas naf, naħseb li xahrejn ilu* - Bonnici xehed fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 - *din is-sena 2022*. Dwar it-tip ta' rapport Walter Bonnici ddikjara li *kien hemm każ ta' domestic violence id-dar. … David ma kienx qiegħed joqgħod id-dar ovvjament, kien qed joqgħod għal rasu u għandna sitwazzjoni fejn mhuwiex aċċettat li jiġi d-dar. … Ir-raġuni maġġuri hija li minn żmien għal żmien jieħu d-drogi u din ilha ġejja snin jiġifieri. … Dan kien qiegħed għaddej minn mument ħażin li kien qiegħed jieħu kontinwament u dan qalli li ddeċieda biex imur jagħmel detoxification Mount Carmel. … Dan kien qalli li jrid imur jagħmel detoxification. Jien għidtlu "Tajjeb, aħjar għax għaddej daqsxejn ħażin." Imbagħad ikkonvinċieni kien qalli li sejjer ġurnata minnhom, din il-ġurnata li għamilt ir-rapport u qalli "Isma' jimporta niġi id-dar nieħu kafè, niekol hemm u forsi nitkellmu ftit qabel ma mmur" u għalkemm il-mara topponi, jien għidtlu li ok u ġie d-dar. Insomma bħas-soltu konna qed nitkellmu imma mbagħad innotajt illi kien qed jidħol ġo kamra oħra d-dar u indunajt li kien qed jiħu. Għidtlu "Isma' David, inti ma ġejtx suppost biex nitkellmu u sejjer tagħmel detoxification? Taf li ma naċċettax li tieħu ġod-dar iktar u iktar, il-mummy qiegħda fuq u Alla ħares tkun taf". Qalli "Le, dan taf inti qabel ma nibda detoxification qed nagħmel ftit kuraġġ biex nidħol hemm" u għidtlu "Le, le, le" … Kompla għaddej, imbagħad beda għaddej il-ħin, imbagħad għidtlu "F' x'ħin kellek tmur" għax hu qalli li kien irranġa diġà ma' Mount Carmel. Imbagħad saru xi t-tmienja jew id-disgħa xi ħaġa hekk u għidtlu "David, inti sejjer?". Qalli "Ara aqtagħha, jien mhu sejjer imkien" u għidtlu "Allright la m'intix sejjer mela, issa lestejt u erġa' itlaq mid-dar". Qalli "jien m'jien biħsiebni mmur imkien, inti ma tgħidlix x'nagħmel u fejn immur u ma nagħmilx" u f'daqqa waħda qam għalija. Qabad xi ħaġa, insejt x'kienet, xi ħaġa tqila u kien qisu*

[6] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2022, fol. 44 sa' 48 tal-proċess.

*se jagħmel għalija. Jien dak il-ħin bżajt, ngħidlek il-verità, għax kont naf ukoll li qiegħed taħt l-influwenza tad-droġi u ħriġt niġri bażikament 'l barra mid-dar. F'mument minnhom għaddiet xi ħaġa minn ma' rasi u tbaxxejt u mnalla għaliex kienet xi ħaġa tqila u għaddiet minn ma' rasi u bqajt sejjer il-police station.*

Mistoqsi dwar l-informazzjoni li għadda lill-Pulizija, Walter Bonnici wieġeb li din kienet fir-rigward ta' dan l-inċident partikolari. Mistoqsi dwar inċidenti oħra ma' l-imputat, huwa wieġeb *kien hemm u fil-fatt kellu anke restraining order mill-Qorti li ma jersaqx lejna, la lejja u lanqas lejn il-mara. Jiġifieri din tindika li ovvjament kien hemm każijiet diġa.* Madanakollu mistoqsi mill-Qorti dwar il-perijodu partikolari u mhux dwar inċidenti li kien hemm fil-passat u li dwarhom l-imputat già kien tressaq u debitament proċessat, Walter Bonnici wieġeb *f'dan il-perijodu partikolari kien inċident iżolat għax ma kienx qed jersaq lejn id-dar. Sakemm ma kienx qed jersaq lejn id-dar allright, ħalli jien still kont dejjem narah barra jiġifieri u kont niltaqa' miegħu kontinwament.* Walter Bonnici ddikjara wkoll li *kont niltaqa' miegħu barra jien. Jiena minn żmien għal żmien niltaqa' miegħu barra għax għalkemm jgħix għal rasu u jgħix waħdu, ovvjament il-finanzjatur huwa jien allura niltaqa' miegħu minn żmien għal żmien.* Mistoqsi jekk meta kien jiltaqa' ma' l-imputat, kenitx l-istess ġurnata ta' l-inċident li seħħ ma' ibnu u li dwaru għamel rapport mal-Pulizija, Walter Bonnici wieġeb fin-negattiv.

Mistoqsi kienux jinqalgħu problemi ma' l-imputat meta kien jiltaqa' miegħu, Walter Bonnici wieġeb *il-problemi bażiċi li jinqalgħu u dejjem inqalgħu hija meta jiena inkun naf li sejjer jixtri d-drogi u sejjer jieħu d-drogi u hemmhekk dejjem tinqala' problema bejni u bejnu għaliex l-ewwelnett il-finanzjatur huwa kien allura hija ukoll, ejja ngħidu strain finanzjarju, imma ejja ninsew il-flus għall-mument, nikkondi wkoll minħabba fih li naf li qed jiddistruġġi ħajtu, jiġifieri apparti l-flus hemm il-kwistjoni tal-father and son relationship fejn jien nixtieq li nibdlu u jibdel ħajtu. Imma sfortunatment inkun naħseb li għamel mumenti minn dak li qed jgħaddi minnu naħseb li jitgħallem imma nsib li għadu ma tgħallimx u jerġa' jibda jaqa' fil-linja tad-drogi. Meta mhuwiex under the drug effect, huwa bniedem differenti u meta qiegħed taħt l-effett tad-drogi, miskin hu minn jgħidlu le jew min ma jagħtihx il-cash meta jkun irid jixtri għax ma jara lil ħadd, qisu bħal Dr. Jekyll u Mr. Hyde.* Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni *jiġigieri dawn l-inkontri li inti kont tiltaqa' mat-tifel tiegħek barra kif kienu jkunu?* Walter Bonnici wieġeb *xi kultant tajjeb, kif qed ngħidlek, sakemm mhuwiex qed jieħu, jien kont nissapportjah f'kollox li jrid jagħmel. Jiġifieri jekk kellu bżonn, jekk kellu bżonn dak, sakemm narah jien li kien qiegħed jipprova u jagħmel xi ħaġa, kont anke noħroġ barra mil-limiti tiegħi, li għamilt żbalji li noħroġ barra mil-limiti tiegħi biex ngħinu. Imma meta mbagħad narah hekk, there is a stop u ngħidlu "ma jistax ikun li tibqa' għaddej b'din il-linja jekk għadek ma tgħallimtx issa".*

In kontro-eżami Walter Bonnici kkonferma li huwa kien iżomm laqgħat ma' l-imputat sabiex iżomm ir-relazzjoni ta' missier u iben ta' bejniethom u kkonferma li huwa kien jiltaqa' ma' l-imputat kważi kuljum u mill-ġdid tenna li waqt dawn il-laqgħat l-imputat *daqqa jgħidli li qiegħed għaddej tajjeb, daqqa s-soltu storja fejn nibda ngħidlu "Isma' x'qed tagħmel? Mhux bi ħsiebek tagħmel xi ħaġa fil-ħajja" u daqqa jgħidli "Għax qed nagħmel din u qed nagħmel l-oħra", ġieli waħħal fija*

*għaliex ma tajtux xogħol jien jiġifieri u dawn l-istejjer kollha. Jien ngħidlu li jien ma nistax u sakemm hu jibqa' taħt id-drug influence, jien ma nistax nagħtih xogħol.*

**Theresa Bonnici**[7], l-allegata vittma l-oħra f'dawn il-proċeduri, xehdet illi *dakinhar ta' l-inċident, ir-raġel Walter u David* (li hi għarfitu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri) *kienu isfel qed jiġġieldu, jiena nipprova I stay out of it għax dan vjolenti ħafna, kont fil-kamra tiegħi nara t-television imbagħad David tela', tani daqqa ta' ponn fuq rasi u qalli li jsir paranoid meta jkun fuq il-cocaine. Qalli "Int ċempilt lill-Pulizija?" And I said "Yes" imma jien lanqas biss indħalt għax jiena lanqas immur ħdejh għax nibża' minnu. Ilu hekk 25 sena u għajjejt fuq li għajjejt. Se jispiċċa joqtol lil xi ħadd meta jkun taħt l-influwenza tad-droga. … Jien bqajt fil-kamra tiegħi, Walter kien barra għax naħseb mar għand il-Pulizija, niżel, reġa' u jien ma mortx warajh.* Mistoqsija dwar meta seħħ dan l-inċident, Theresa Bonnici wieġbet *le, tgħidlix, la l-ġurnata u lanqas il-ħin għax ma niftakarx. Dan huwa constant, il-ħin kollu bih.* Ftakret li l-inċident seħħ fis-sena 2022 u li seħħ xi ġimgħat qabel ma tat ix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri - fejn hija xehdet fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2022.

Mistoqsija dwar inċidenti oħra ma' l-imputat, Theresa Bonnici ddikjarat *hu*, ossia l-imputat, *ħareġ mill-ħabs fl-aħħar ta' Jannar tas-sena 2022. … Ir-raġel għamlu f'lukanda lil David u ma kienx qiegħed joqgħod id-dar għax jiena d-dar ma rridux jiġifieri kien qiegħed f'lukanda u kien imur jagħtih il-flus kuljum biex jiekol u biex jixtri d-droga għax hu jħallaslu d-drogi. Imbagħad meta jibda jieħu d-drogi, l-affarijiet jibdew jeskalaw. … Għax iċempillu l-ħin kollu. … Mhux miegħi jagħmel kuntatt … Mar-raġel. … Ir-raġel f'din is-sitwazzjoni huwa the enabler għax jagħtih il-flus biex jixtri d-droga u hu jiġi bit-taxi għall-flus anke bil-lejl. … Quddiem il-bieb … jibda jsabbat u jċempel. … Jiġi għall-flus bil-lejl għax ikun irid il-flus. Lanqas norqdu meta qiegħed barra dan.* Mistoqsija kif tkun taf li huwa l-imputat, Theresa Bonnici wieġbet *għax ir-raġel jibda jitkellem ħażin, jinżel u ġieli mar anke l-ATM machine biex iġib il-flus biex jagħtih. Aħna qegħdin threatened by him, jew nobduh jew isawwatna.* Madanakollu Theresa Bonnici ddikjarat li *jiena kważi ma rajtu qatt. … Għaliex jiena, I'm sorry to say, for me he's dead and he is not even a human being.* Mistoqsija mill-Qorti jekk *bejn Jannar ta' din is-sena sa' meta nqala' l-inċident, kienx hemm drabi meta ġie ħdejn id-dar tagħkom jew fid-dar tagħkom?* Theresa Bonnici wieġbet *iva, bil-lejl bit-taxi meta kien jiġi għall-flus u l-aħħar tlett ijiem, on the Monday, kien qal illi hu weħel sentejn ħabs u ma kien veru xejn, kien kollu gideb u ġie jorqod xi darba għandna għaliex kien sejjer il-ħabs qal. Imbagħad once he was at home, l-affarijiet jibdew jeskalaw out of proportion.* Theresa Bonnici qalet ukoll li hija tibża' mill-imputat għaliex isawwatha. Mistoqsija ukoll dwar każijiet oħra l-Qorti ma' l-imputat, hija wieġbet *all the time. Infatti, the last week kien hemm l-avukat tiegħu, dik il-kawża kienet li hu kissirli l-karozza għax kien high on coke, daqqa ta' sieq.*

**L-Ispettur Eman Hayman**[8] xehed illi *jiena kelli investigazzjoni relatat ma' David Bonnici li qiegħed nagħraf hawnhekk in awla, fejn dan prattikament kont ġejt infurmat illi fil-lejl ta' bejn it-2 ta' April ta' din is-sena u t-3 ta' April ta' din is-sena, meta jiena kont Spettur ta' l-għassa, kont ġejt infurmat illi kien hemm argument bejn missier u ibnu ċertu David Bonnici, kont ġejt infurmat illi sa' dak il-ħin,*

---

[7] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2022, fol. 49 sa' 53 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022, fol. 55L sa' 57 tal-proċess.

*mingħajr ma kien hemm l-inkartament quddiemna, kien hemm xi Ordni ta' Trażżin, liema informazzjoni kienu ġabuha minn missier David u ġara illi f'din il-ġurnata, David kien mar fejn id-dar ta' ommu u ta' missieru, kien daħal id-dar, għamel xi użu mid-droga, dan dejjem skont missieru, kien inqala' argument verbali u dan l-argument kien skala illi David tant kien qed jirrabja u f'ħin minnhom kien qabad ħadida u l-imsemmi Walter kien ħareġ 'l barra u waqt li kien qed jiġri, l-istess Walter kien qal li ħass l-istess ħadida ttir minn ma' rasu. Jiena fid-dawl ta' din l-informazzjoni kont arrestajt lil David Bonnici minnufih. … Jien kont kellimt lil Walter Bonnici x'ħin ġie filgħodu fejn qal illi ibnu David kien qed jidħol Mt. Carmel u qalli li kien qed jidħol fiha bl-ammont qisu qed jidħol ġo lukanda u meta ma kienx qiegħed Mt. Carmel, kien qed iħabbatlu d-dar, daqqa biex jitolbu l-flus għad-droga jew inkella jkun irid ikellmu allavolja, sa' żmien qabel kien hemm każ il-qorti li kien qed jiddeċiedi li ma jistax proprju jersaq l-istess David lejhom. Kien hemm drabi li kien qed ikun kalm u kien hemm drabi li kien qed ikun vjolenti imma missieru dejjem kien qed jarah imkisser bid-droga. Jiena ma stajtx inkellem lil David mill-ewwel peress li kien ġie rikoverat l-isptar, kien inżamm l-isptar u eventwalment kont kellimtu. Kont ħadtlu stqarrija u l-istqarrija qiegħda fil-proċess minn a fol. 33 sa' a fol. 34, kont staqsejt jekk proprju hu kienx qed imur fejn id-dar jew kienx qed ikun mistieden meta hu fil-fatt, fl-istqarrija kien qal illi r-raġuni ta' għaliex kien imur kienet minħabba li kien ikollu bżonn il-flus minħabba d-droga. Qal li hu min-naħa tiegħu kien imweġġa' illi m'għandux dik ir-relazzjoni ma' ommu u ma' missieru, kien konoxxenti ta' dak li kien impost fuqu mill-Qorti iżda qal illi hu kien qiegħed fi stat ħażin ħafna peress li il-vizzju kien rikbu ħafna.* L-Ispettur Hayman iddikjara li peress illi fil-kors ta' l-investigazzjoni tiegħu kien sab li l-imputat kellu diversi multi imposti fuqu li però ma kienux tħallsu minnu, l-istess imputat inbagħat il-ħabs fir-rigward ta' tali multi u sussegwentement tressaq il-Qorti mixli bl-imputazzjonijiet odjerni.

In kontro-eżami l-Ispettur Hayman ikkonferma li l-problema prinċipali ta' l-imputat u l-kawża ċentrali ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hija l-abbuż ta' droga da parte ta' l-istess imputat. Fir-rigward ta' l-istqarrija li ttieħdet lill-imputat, l-Ispettur Hayman iddikjara li *hu kien ittieħed l-isptar qabel u qabel ittieħed l-isptar, hemm nota u hu nżamm ammont ta' ħin l-isptar. Peress illi fil-ħin li kien arrestat ma kienx qiegħed luċidu, għax jidher li kien hemm konsum tad-droga, kien inżamm imbagħad … kien ġie eżaminat minn Dr. V. Camilleri, Medication Number 4392, fejn kien qal illi l-pazjent jista' jiġi mitkellem, interrogat u anke imressaq il-Qorti. Jiġifieri kien fi stat wara li ovvjament għamlulu l-affarijiet illi stajna nkellmuh. … b'mod uman jekk ikollok lil xi ħadd imfixkel, mhux se tinterrogah. Kieku kien f'tali l-istat, it-tabib ma kienx se jħallina ninvestigawh imma ovvjament, bl-interventi li għamel, rah li kien fi stat luċidu u hu dehrlu u anke jiġifieri l-interrogazzjoni mxiet flowing ħafna, jiġifieri ma kellna l-ebda problema mas-Sur David. Kien fi stat allright ħafna, ma kienx ferħan li kien quddiemi jiġifieri.*

L-Ispettur Hayman esebixxa żewġ sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. David Bonnici", deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2019 - Dok. "A" a fol. 58 sa' 100 tal-proċess u "Il-Pulizija v. David Bonnici" deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fit-3 ta' Ġunju 2020 - Dok. "B" a fol. 101 sa' 118 tal-proċess.

**Stefania Calafato Testa**[9], Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, ippreżentat lista ta' każijiet fil-konfront ta' David Bonnici kemm pendenti kif ukoll deċiżi, u lista ta' multi, pendenti u dawk li jridu jitħallsu, dejjem fir-rigward ta' David Bonnici. Dawn il-listi jinsabu markati bħala Dok. "ST1" sa' Dok. "ST3" a fol. 55B sa' 55K tal-proċess.

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-2 ta' April 2022, għall-ħabta tal-11:00p.m., u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer: (1) ikkaġuna lill-ġenituri u cioè Walter Bonnici u Theresa Bonnici, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li d-delitt jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili; (2) ikkaġuna lill-ġenituri u cioè Walter Bonnici u Theresa Bonnici, biża li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà tagħhom u li d-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili.

Bl-ewwel u t-tieni imputazzjoni hekk dedotti kontrih, l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' fastidju previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bir-reat ta' biża' ta' l-użu ta' vjolenza previst fl-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-element ċentrali għal entrambe dawn ir-reati huwa l-*course of conduct* da parte ta' l-imputat verso l-allegata vittma/i, ossia li jkun hemm imġieba ripetuta liema imġieba twassal għall-kommissjoni tar-reati appena indikati.

Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elton Debono,** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu 2017, fejn ġie osservat *illi r-reati indikati fl-Artikoli 251A, 251B u 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huma reati li jesiġu "imġieba". Issir hawnhekk referenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Bajada (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013): "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassment kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v. James Demanuele, deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti stqarret: L-Artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-subinċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-suninċiż (3)(ċ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251Ċ hu provdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni tinkludi meta wieħed jagħti qata'*

[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022, fol. 55A tal-proċess.

*(alarming) jew idejjaq (causing ... distress) lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliż 'harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- "... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien". Però, xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri ta' l-akkuża nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-peruna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet ta' l-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed jiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni nġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi". ... Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Xavier Micallef, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) [17.02.2011] irriteniet is-segwenti: "Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjaħ "harassment" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Parnis (per Prim' Imħallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-harassment taħt dina d-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: illi dawn affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed - ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 ta' l-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions". L-Artikolu 251B tagħna - u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru it-tibdiliet - jipprovdi fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażżjonijiet - proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża "on at least two occasions". Għal xi raġuni - fil-fehma*

*din il-Qorti kompletament illoġika - il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct. … it was recognised, however that circumstances can be conceived "where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…". Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini ta' l-imsemmi Artikolu 251B(1) - u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet ta' l-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi". Illi multo magis din l-interpretazzjoni tapplika għar-reat ravviżat bl-artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali, dak komunement magħruf bħala stalking. Illi l-liġi titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u għaldaqstant minn dina l-esposizzjoni legali jirriżulta illi dawn ir-reati (Artikoli 251A, 251B u 251AA) ma jissusistux jekk dan ikun xi inċident iżolat.*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, u b'mod partikolari għal dak li jirriżulta mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova *a course of conduct* da parte ta' l-imputat, bil-konsegwenza għalhekk li ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn dubju raġonevoli il-ħtija ta' l-imputat għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti tħoss li hawn għandha tagħmel premessa ċara fir-rigward tal-konklużjoni tagħha hawn appena espressa.

Ma hemmx dubju f'moħħ il-Qorti - u dana anke għaliex din il-Qorti kif presjeduta già semgħet u ddeċidiet każ rigwardanti l-imputat fejn il-vittmi kienu l-ġenituri tiegħu Walter u Theresa Bonnici - li bejn l-imputat u l-ġenituri tiegħu *there is a history,* fis-sens illi *spesso e volentieri* jinqalgħu kwistjonijiet bejniethom u li r-relazzjoni interpersonali tagħhom hija waħda kjarament *stretched to the limit.* Iżda, ta' dawn il-każijiet già ttieħdu passi kriminali fil-konfront ta' l-imputat u każ minnhom - ossia dak li fih kienet involuta din il-Qorti kif presjeduta - ċertament jinsab deċiż b'mod definittiv u għaldaqstant ma jistgħux u ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' l-imputazzjonijiet (ossia l-ewwel u t-tieni imputazzjoni) odjerni. Il-perijodu pertinenti għall-proċeduri odjerni kjarament għandu jkun perijodu differenti u distint minn dawk fir-rigward ta' liema già hemm proċeduri pendenti jew addirittura deċiżi fil-konfront ta' l-imputat, u huwa fir-rigward ta' tali perijodu differenti u distint li l-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova u tistabilixxi lil hinn minn kull dubju

raġonevoli *a course of conduct* da parte ta' l-imputat fil-konfront tal-ġenituri tiegħu Walter u Theresa Bonnici.

Huwa fatt stabbilit li sa' l-aħħar ta' Jannar 2022 l-imputat kien jinsab detentut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u allura sa' dak iż-żmien ma kienx hemm inċidenti mal-ġenituri tiegħu partikolarment ħdejn u fir-residenza tagħhom. Skond Theresa Bonnici però, hekk kif l-imputat ġie rilaxxat mill-ħabs huwa reġa' beda jmur id-dar tagħhom persistentement jitlobhom il-flus għad-droga u jekk ma jingħatax dak li jrid jagħmel xenati sħaħ barra d-dar tagħhom. Mistoqsija mill-Qorti jekk bejn li l-imputat ġie rilaxxat mill-ħabs sa' meta nqala' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, inqalgħux inċidenti oħra bejna u żewġha u l-imputat, wieġbet *iva, bil-lejl bit-taxi meta kien jiġi għall-flus u l-aħħar tlett ijiem, on the Monday, kien qal illi hu weħel sentejn ħabs u ma kien veru xejn, kien kollu gideb u ġie jorqod xi darba għandna għaliex kien sejjer il-ħabs qal. Imbagħad once he was at home, l-affarijiet jibdew jeskalaw out of proportion.*

Dak affermat minn Theresa Bonnici però ma ġie bl-ebda mod korroborat minn żewġha Walter Bonnici, illi invece insista li fil-perijodu in kwistjoni, ossia bejn li l-imputat ġie rilaxxat mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, dan l-inċident kien inċident iżolat. Walter Bonnici saħaq ukoll li wara li l-imputat ġie rilaxxat mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, huwa ma marx jgħix lura id-dar magħhom imma kien jgħix ġewwa lukanda mħallsa minn Walter Bonnici stess. Qal ukoll li f'dan il-perijodu huwa baqa' jiltaqa' ma' l-imputat iżda ma kienx jiltaqa' miegħu d-dar residenzjali tiegħu, proprio għaliex Theresa Bonnici ma reditx lill-imputat jersaq 'l hemm, iżda kien jiltaqa' miegħu barra. Di fatti Walter Bonnici testwalment qal *f'dan il-perijodu partikolari kien inċident iżolat għax ma kienx qed jersaq lejn id-dar. Sakemm ma kienx qed jersaq lejn id-dar allright, ħalli jien still kont dejjem narah barra jiġifieri u kont niltaqa' miegħu kontinwament. … kont niltaqa' miegħu barra jien. Jiena minn żmien għal żmien niltaqa' miegħu barra għax għalkemm jgħix għal rasu u jgħix waħdu, ovvjament il-finanzjatur huwa jien allura niltaqa' miegħu minn żmien għal żmien.* Dwar problemi li jinqalgħu waqt dawn il-laqgħat Walter Bonnici irrisponda fir-rigward tal-piż finanzjarju u anke fir-rigward tal-piż emotiv, iżda, dejjem b'referenza għall-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, ma qal xejn fir-rigward ta' fastidju jew biża' ta' użu ta' vjolenza li jikkostitwixxu r-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat bl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti għalhekk għandha quddiemha sitwazzjoni fejn mhux biss żewġ xhieda tal-Prosekuzzjoni mhux qed jaqblu bejniethom iżda għandha x-xhieda prinċipali u ċentrali tal-Prosekuzzjoni, nonche l-allegati vittimi, li mhux qed jaqblu bejniethom dwar dak li ġara u ma ġarax bejnhom u l-imputat fil-perijodu mertu tal-proċeduri. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ċertament ma tistax tasal għal konklużjoni li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Konsegwentement għalhekk il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li tiddikjara li l-imputat mhux ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet partikolari u b'hekk tilliberah minnhom.

**It-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

In kwantu rigwarda t-tielet u r-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat, ossia li nhar it-2 ta' April 2022, għall-ħabta tal-11:00p.m., u fis-siegħat u, jew fil-ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ, u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer: (3) ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Walter Bonnici u Theresa Bonnici jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (4) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Walter Bonnici u Theresa Bonnici jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi prodotti tirriżulta bħala ppruvata 'l hinn minn kull dubju raġonevoli t-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, iżda dana limitatament in kwantu rigwarda Walter Bonnici biss, u mhux ukoll ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Walter Bonnici xehed kif meta l-imputat kien id-dar residenzjali tiegħu, ossia ta' Walter Bonnici, dakinhar li huwa għamel rapport mal-Pulizija, l-istess imputat f'ħin minnhom ħebb għalih b'xi ħaġa tqila u meta huwa ħareġ mid-dar għaliex beża' mill-imputat, ħass xi ħaġa għaddejja minn ma' rasu. Huwa veru li Walter Bonnici ma setgħax jiftakar id-data eżatta meta seħħ dan l-inċident, iżda kkonferma li dan seħħ fis-sena 2022 u li dwaru kien għamel rapport mal-Pulizija, rapport li mill-provi prodotti jittratta dwar inċident li seħħ fit-2 ta' April 2022 filgħaxija. Apparte minn hekk mill-istqarrija ta' l-imputat[10] joħroġ b'mod ċar li dakinhar tat-2 ta' April 2022 huwa kien qiegħed ġewwa id-dar residenzjali tal-ġenituri tiegħu u f'ħin minnhom, ossia filgħaxija dakinhar stess, inqala' argument bejnu u missieru Walter Bonnici u l-imputat effettivament gara oġġett lejn missieru. Għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat jikkontendi li huwa gara l-oġġett lejn missieru wara li dan kien già ħareġ mid-dar, il-Qorti hija iktar propensa li temmen lil Walter Bonnici - li dwar dan l-inċident kien konsistenti kemm fir-rapport tiegħu kif ukoll fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri - milli dak affermat mill-imputat fl-istqarrija tiegħu.

In kwantu rigwarda Theresa Bonnici, il-Qorti ma tistax tqis li hemm prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li fit-2 ta' April 2022 għall-ħabta tal-11:00p.m., l-imputat effettivament ħebb għaliha. Għalkemm fir-rapport tiegħu lill-Pulizija, Walter Bonnici qalilhom li martu qaltlu li l-imputat kien ħebb għaliha, huwa in verità ma kienx preżenti dak il-ħin u ma rax dan jiġri b'mod dirett. Min-naħa tagħha Theresa Bonnici ma setgħetx tiftakar id-data meta dan l-allegat inċident seħħ u lanqas riedet tipprova tagħti data, posizzjoni din li tħalli lill-Qorti mingħajr prova konkreta u sodisfaċenti ta' dak li seta' jew ma setax għamlilha l-imputat. Għaldaqstant, jiġi ribadit, il-Qorti tqis li għandha ssib ħtija fl-imputat biss għat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu - u b'hekk mhux ukoll għar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih - limitament però fir-rigward ta' Walter Bonnici biss.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi kiser Ordni ta' Trażżin imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-

[10] Fol. 33 u 34 tal-proċess.

Maġistrat Dr. G. Vella LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Walter Bonnici u Theresa Bonnici.

Għalkemm huwa minnu li dakinhar tat-2 ta' April 2022 l-imputat kien jinsab ġewwa r-residenza tal-ġenituri tiegħu u li minn meta ġie rilaxxat mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fl-aħħar ta' Jannar 2022 huwa ltaqa' diversi drabi ma' missieru Walter Bonnici, huwa daqstantieħor minnu li fit-2 ta' April 2022 kien Walter Bonnici stess li ta l-permess lill-imputat jmur fir-residenza tiegħu u li Walter Bonnici konsapevolment u volontarjament kien jmur jiltaqa' mat-tifel tiegħu pratikament kuljum. Stabbiliti dawn il-fatti però l-Qorti tosserva li l-Prosekuzzjoni naqset milli tippreżenta Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat u llimitat ruħha li tippreżenta biss is-sentenza pronunċjata minn din il-Qorti kif presjeduta fit-3 ta' Ġunju 2020 fl-ismijiet "Il-Pulizija v. David Bonnici".

F'dik is-sentenza, pronunċjata fil-konfront ta' l-imputat odjern, hekk kif jirriżulta mill-konnotati indikati fiha, wara s-sejbien ta' ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, ġie *inter alia* dikjarat u deċiż illi *a tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Walter Bonnici u Theresa Bonnici. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri malli l-imputat jiskonta l-piena ta' priġunerija hawn imposta u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati* ***fid-Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha***.

Kif ingħad, id-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront ta' l-imputat u f'liema hemm indikati l-kondizzjonijiet imposti fuqu ma ġiex esebit u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tiddetermina liema minn dawn il-kondizzjonijiet setgħet ġiet vjolata mill-imputat.

Għal din ir-raġuni, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk għandu jiġi liberat minnha wkoll.

**Reċidiva:**

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat jiġi trattat bħala reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti, ladarba ġiet ippruvata l-ħtija ta' l-imputat biss ghat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, li tittratta dwar il-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess imputat jista' u għandu jiġi trattat bħala reċediv biss ai termini ta' l-Artikolu 49 u mhux ukoll ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, in kwantu dan l-aħħar artikolu kjarament jirreferi għal delitti u mhux ukoll għal kontravvenzjonijiet.

Għalkemm fil-Kodiċi Kriminali nsibu l-Artikolu 53 li jipprovdi li: *meta persuna kkundannata għal kontravvenzjoni tagħmel kontravvenzjoni oħra fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tiskonta jew tiġi maħfura l-piena, tista' teħel detenzjoni għal żmien mhux iżjed minn xahrejn, jew multa, inkella l-priġunerija għal żmien mhux*

*iżjed minn xahar*, fil-każ in eżami l-Qorti ma tistax issib lill-imputat reċidiv ai termini ta' l-istess in kwantu l-piena imposta bis-sentenzi esebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia s-sentenzi fl-ismijiet "Il-Pulizija v. David Bonnici" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju 2019 u "Il-Pulizija v. David Bonnici" deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fit-3 ta' Ġunju 2020, kienet għadha ma ġietx skontata fl-intier tagħha għaliex għalkemm it-termini ta' priġunerija hemm imposti ġew skontati fl-aħħar ta' Jannar 2022, il-multi imposti kienu għadhom ma tħallsux sa' meta seħħ l-inċident mertu tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u li tagħha qed jinstab ħati, ossia sat-2 ta' April 2022. Dana l-fatt jirriżulta kemm mid-dokumenti esebiti mill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stefania Calafato Testa, Dok. "ST3" a fol. 55E u 55K tal-proċess, kif ukoll mix-xhieda stess ta' l-Ispettur Eman Hayman li kjarament qal li meta l-imputat ġie arrestat għall-inċident li seħħ fit-2 ta' April 2022, huwa ra li l-imputat kellu diversi multi imposti fil-konfront tiegħu li kienu għadhom mhux imħallsa u b'kosegwenza ta' hekk l-istess imputat inbagħat il-ħabs.

B'hekk l-imputat jista' u għandu jiġi trattat ta' reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta biss.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat u dak li jirriżulta minnha, u cioè l-karattru refrattarju tiegħu, inkluż in kwantu rigwarda inċidenti ma' missieru Walter Bonnici.

**Decide:**

Ghaldaqstant għal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 12(2) u 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu limitatament pero' fir-rigward ta' Walter Bonnici u tikkundannah għall-perijodu ta' xahar detenzjoni.

Peress illi jirriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament meħtieġ u adattat biex tiġi indirizzata il-problema ta' abbuż ta' droga li huwa għandu.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Walter Bonnici. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u ċioè li f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**